30 ta' Ġunju, 1947.

Imħallfin :

Is-S.T.O. Sir G. Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *President.*

L-Onor. Prof. Dr. E. Ganado, LL.D.

L-Onor. Dr. L.A. Camilleri, LL.D.

Bernardo Attard *versus* Alfredo Tonna et.

**Senserija — Kumpens.**

*Is-sensal għandu dritt għas-senserija meta l-operazzjoni tiġi effettivament konkjuża; imma jekk din ma sseħħx ma hemmx dritt għas-senserija, avvolja l-medjatur ikun lagqa' l-partijiet u dawna jkunu għamlu bejniethom l-att tal-konvenju. Minflok, il-medjatur ikollu dritt għal kumpens li jiġi stabbilit mill-Qorti skond ix-xogħol li jkun għamel u ċ-ċirkustanzi kollha tal-każ.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni ta' l-attur quddiem il-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tiegħu, fejn qal li huwa, wara nkariku lilu mogħti mill-konvenuti, għamel serviġi biex ġiegħel lill-konvenut Tonna jipprometti li jbiegħ lill-konvenut Spiteri, u biex iġiegħel lill-konvenut Spiteri jobliga ruħu li jixtri minn għand il-konvenut Tonna, bil-prezz ta' £1150, l-utili dominju perpetwu tad-dar u terran numri 93 u 93A, Triq Sant'Elena, Sliema, soġġetta għal £2. 12. 0 ċens perpetwu fis-sena; li l-konvenuti għamlu l-ftehim ta' l-obligu tax-xiri u tal-bejgħ ta' l-imsemmi utili dominju perpetwu bi skrittura privata tal-4 ta' Lulju 1946; u li wara l-konvenuti ma riedux jagħmlu l-att tal-bejgħ ta' l-imsemmi utili dominju, u lanqas ma riedu jħallsu lill-attur ebda kumpens għas-senserija jew għas-serviġi li huwa għamlilhom in konnessjoni mal-promessa komprovendita fuq imsemmija; wara li jiġu premessi d-dikjarazzjonijiet kollha u meħuda l-provvedimenti meħtieġa, talab li l-konvenuti jiġu kundannati solidalment li jħallsuh, bħala senserija jew bħala kumpens tas-serviġi li huwa għamel lilhom biex tiġi konkjuża l-promessa tal-bejgħ u tax-xiri ta' l-utili dominju perpetwu fuq imsemmi, dik is-somma li tiġi likwidata mill-Qorti; bl-ispejjeż u bl-interessi legali;

*Omissis;*

Rat is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Kummerċ fit-18 ta' Marzu 1947, fejn ċaħdet l-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza

bl-ispejjeż kontra l-konvenut Tonna, u laqgħet it-talba billi kkundannat lill-konvenuti "in solidum" iħallsu lill-attur £23 bl-imgħax minn dak in-nhar u bl-ispejjeż; wara li kkunsidrat;

*Omissis;*

Illi fuq il-meritu rriżulta li l-attur kien sensal fl-operazzjoni msemmija fit-taħrika u kkonkluda l-ftehim kompletament, tant li l-konvenuti għamlu bejniethom regolarment il-konvenju li bih Spiteri obliga ruħu li jixtri u Tonna li jbegħ-lu l-fond in kwistjoni. It-trasferiment effettiv ta' l-immobili ma sarx għal raġunijiet partikulari ta' bejn il-konvenuti, u dawn ma jtellfux lill-attur id-dritt tas-senserija, għax da parti tiegħu l-attur il-ftehim għaqqdu;

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenut Tonna u l-petizzjoni tiegħu, fejn talab illi s-sentenza fuq imsemmija, mogħtija mill-Qorti tal-Kummerċ fit-18 ta' Marzu 1947, tiġi revokata u għalhekk jiġu riġettati t-talbiet ta' l-attur; bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Illi kif ġie ritenut minn din il-Qorti, anki reċentement, in bażi għall-ġurisprudenza ċitata mill-appellant (ara sentenza Appell Inferjuri "Farrugia vs. Deguara", 7 ta' Frar 1944, u Appell Inferjuri "Mifsud vs. Tonna" 15 ta' Ottubru 1945, u s-sentenzi hemm ċitati), is-sensal għandu dritt għas-senserija meta l-operazzjoni tiġi effettivament konkjuża, ċjoè meta l-bejgħ ikun effettivament sar; iżda jekk il-medjatur, u mhux is-sensal kontemplat mill-liġi kummerċjali, li jrid rekwiżiti speċjali, ilaqqa' l-partijiet u jsir il-konvenju, iżda mbagħad il-bejgħ, għal xi raġuni jew oħra, ma jkunx effettwat, huwa ma għandux dritt għal senserija, iżda għal kumpens li għandu jiġi diskrezzjonalment fissat mill-Qorti skond ix-xogħol li kellu l-medjatur u skond iċ-ċirkustanzi kollha tal-każ;

Tikkunsidra;

Illi in applikazzjoni ta' dan il-prinċipju, li ġie anki stabbilit minn din il-Qorti in re "Mifsud vs. Biasini" fit-12 ta' Ottubru 1945, u anki f'każijiet iżjed reċenti, f'dan il-każ l-attur irnexxielu jlaqqa' l-partijiet, li għamlu l-konvenju; iżda l-kuntratt ma setax jiġi pubblikat fiż-żmien stabbilit mill-liġi

għall-validità ta' dak il-konvenju, għaliex instabu żewġ ipoteki kontra l-appellant Tonna u l-konvenut Spiteri ma riedx jistenna aktar; u ma dehrilhomx li jiehdu passi oħra, anki per mezz tad-depożitu tas-somma garantita bl-ipoteki, biex jeffettwaw il-bejgħ. Għalhekk is-senserija "ut sic" ma għandux dritt għaliha l-attur, iżda għandu dritt għal kumpens għaxxogħol li għamel. Meħuda konsiderazzjoni tac-cirkustanzi kollha l-Qorti tiffissa dak il-kumpens għas-somma ta' £12;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tilqa' l-appell tal-konvenut Tonna u tilqa' t-talba ta' l-attur fis-sens illi tikkundanna lill-konvenut Tonna, appellant, iħallas solidalment mal-konvenut l-ieħor is-somma ta' £12 lill-attur għall-kawżali fuq miġjuba; l-ispejjeż ta' l-ewwel istanza fil-konfronti bejn l-appellant u l-attur appellat ikunu kontra l-appellant għas-somma ta' £12, u għal kwalunkwe somma akbar ma jkunux taxxati bejn il-partijiet. L-ispejjeż ta' dana l-appell f'dawk ir-rapporti ma jkunux taxxati bejn il-partijiet, id-dritt tar-reġistru kontra l-attur; u l-ispejjeż tal-konvenut Spiteri jitħallsu minnu stess. U f'dan is-sens tirriforma s-sentenza li minnha hemm appell.